MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1701/2002

***Mirage Holdings Limited***

***vs***

***George Chircop***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta’ Lulju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u sebgha liri Maltin (Lm107) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta’ Lm100 prezz ta’ merci lilu mibjugha u kkonsenjata u in kwantu ghas-somma ta’ Lm7, bhala imghaxijiet legali dovuti sad-data tal-prezentata ta’ l-avviz fuq l-ammont mitlub.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti processwali u cioe' mir-riferta tal-purtier Mario Mizzi rrizulta illi l-konvenut irrifjuta li jaccetta n-notifika ta' l-avviz lilu maghmula fit-28 ta' Lulju 2002.

Sema ix-xhieda tal-purtier Mario Mizzi li ghamel it-timbru tar-riferta u dana mill-informazzjoni li giet indikata lilu mill-pustier koncernat li ha hsieb biex jikkonsenja l-att. Sema x-xhieda ta' Anthony Pace rapprezentant tal-Maltapost tal-fergha taz-Zejtun li kkonferma bil-gurament illi meta l-att gie imqassam mill-pustier, dan gie rifjutat mill-persuna koncernata.

Ra l-artikolu 187 tal-Kodici ta' l-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jiddikjara illi l-konvenut George Chircop gie debitament notifikat bl-avviz tat-talba fil-gurnata meta huwa rrifjuta n-notifika lilu ta' l-att in kwistjoni u cioe' fit-28 ta' Lulju 2002.

Ra ghalhekk illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa ma deherx ghall-ebda seduta quddiem it-Tribunal u lanqas ipprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. John Buttigieg, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sebgha liri Maltin (Lm107), bl-imghaxijiet legali limitatament fuq is-somma ta' Lm100.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**